

**Brussell, 16 ta' Lulju 2018
(OR. en)**

11104/18

LIMITE

**CORLX 389
CSDP/PSDC 418
CFSP/PESC 704
COAFR 184
CONUN 176
EUMAM RCA 3
EUTM MALI 20
CSC 219**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Missjoni EUTM RCA - estensjoni - Deċiżjoni

1. Fid-19 ta' April 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) b'mandat u ammont ta' referenza sad-19 ta' Settembru 2018.
2. Wara r-Rieżami Strateġiku tal-Missjoni, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-EUTM RCA jiġi emendat u estiż sad-19 ta' Settembru 2020. Jeħtieġ ukoll li jiġi stipulat l-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri l-ispejjeż marbutin ma' EUTM RCA għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2018 sad-19 ta' Settembru 2020.
3. Fil-21 ta' Ġunju 2018, ir-Rappreżentant Għoli ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 dwar missjoni ta' taħriġ militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (dok. 10461/18).

4. Fit-12 ta' Lulju 2018, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) qabel dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) li testendi l-mandat u li tistipula l-ammont ta' referenza għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2018 sad-19 ta' Settembru 2020.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-COREPER huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar missjoni ta' taħriġ militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA), kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokument 10462/18;
 - jaqbel li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.